MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 83/2005

**Avukat Dottor David Tonna bħala prokuratur speċjali għan-nom u in rappreżentanza taż-żewġ soċjetajiet esteri *adidas International Marketing B.V.* u *adidas-Salomon A.G.***

***Versus***

**Avukat Dottor Mark Busuttil u Prokuratriċi Legali Veronica Rossignaud b'dikriet tat-8 ta' Marzu 2005 maħtura kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lil *XXX9999 Libyan Olympic Committee***

Din il-kawża hija dwar proprjetà industrijali.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-ewwel soċjetà attriċi hija proprjetarja ta' diversi markji, fosthom il-markju distintiv magħruf bħala *three stripes device*, li tqegħedhom fuq diversi prodotti maħduma minnha, bħal ħwejjeġ ta' lbies, żraben sportivi, brieret u prodotti oħra.
L-ewwel soċjetà attriċi għandha wkoll dritt ta' proprjetà industrijali ta' l-istess markju distintiv *three stripes device*

fil-komplessità tiegħu irreġistrat fir-Reġistru tal-Markji f'Malta taħt *Trademark Nº* 29740, u għandha ukoll id-drittijiet ta' l-awtur fuq id-disinn jew xogħol artistiku *three stripes device,* dan kollu taħt l-art. 2 ta' l-Att dwar Drittijiet dwar Proprjetà Intellettwali (Miżuri Intrakonfini) [Kap. 414].

It-tieni soċjetà attriċi wkoll hija proprjetarja ta' diversi markji, fosthom il-markji distintivi magħrufa bħala *three stripes device on clothing*, *trefoil device*, u *adidas* li tqegħedhom fuq diversi prodotti maħduma minnha, bħal ħwejjeġ ta' lbies, żraben sportivi, brieret u prodotti oħra.

It-tieni soċjetà attriċi għandha wkoll dritt ta' proprjetà industrijali ta' l-istess markji distintivi *three stripes device on clothing*, *trefoil device*, u *adidas* fil-komplessità tagħhom irreġistrati fir-Reġistru tal-Markji f'Malta taħt *Trademark Nº* 10994, 30173, 13562 u 29878 u għandha ukoll id-drittijiet ta' l-awtur fuq id-disinnji jew xogħlijiet artistiċi *three stripes device on clothing*, *trefoil device*, u *adidas,* dan kollu taħt l-art. 2 tal-Kap. 414.

Fit-23 ta' Diċembru 2004 iddaħħlet ġewwa Malta fuq il-vapur *MV CMA-CGM Bellini*, u/jew ġiet importata temporanjament u/jew tqiegħdet ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles, konsenja ta' elfejn (2,000) par żraben sportivi b'*container* numru CLHU li jġibu l-markji *three stripes device* u *adidas*, bi ksur tal-projibizzjoni ta' l-art. 4 tal-Kap. 414 għax dawn iż-żraben ma humiex ġenwini.

Il-polza ta' karigu numru TJN106422 turi li l-konsenjatarji ta' dawn iż-żraben huma l-kumitat konvenut u turi wkoll illi *shipper* hija s-soċjetà *TJN1111 Hebei Nanping Huiying Trade Co. Ltd.*

Id-dħul ġewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni għal-ċirkolazzjoni ħielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqegħid ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles ta' oġġetti li bihom jinkiser dritt ta' proprjeta intellettwali huwa projibit taħt l-art. 4 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dawn iż-żraben jiksru d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali taż-żewġ soċjetiet attriċi skond l-art. 2(l)(*a*)(i), (ii) u (iii) u l-art. 2(1)(*b*) tal-Kap. 414 u d-drittijiet ta' l-awtur li ż-żewġ soċjetajiet attriċi għandhom fuq il-markji distintivi tagħhom imħarsa taħt l-Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur [Kap. 415].

Din il-konsenja ta' żraben sportivi bħalissa hija miżmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taħt il-provvedimenti tal-Kap.

414 wara li s-soċjetajiet attriċi għamlulu talba bil-miktub u tawh l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex ikun jista' jiddeċiedi dwar il-każ.

Għal dawn ir-raġunijiet is-soċjetajiet attriċi talbu illi l-qorti:

1. tgħid illi ż-żraben sportivi *de quibus* li nqabdu mill-Kontrollur tad-Dwana huma oġġetti falzifikati jew imdaħħla b'piraterija skond l-art. 2(l)(*a*) u (*b*) tal-Kap. 414;

2. fl-interess ta' l-ewwel soċjetà attriċi tgħid illi d-dħul ġewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqegħid ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles mis-soċjetà konvenuta ta' din il-konsenja ta' żraben sportivi li bħalissa hija maqbuda mill-Kontrollur tad-Dwana tikser id-dritt ta' proprjetà intellettwali ta' l-ewwel soċjetà attriċi għax iż-żraben ma humiex ġenwini, skond l-art. 2(l)(*a*)(i), (ii), (iii) u (*b*) tal-Kap. 414 u għaldaqstant tikser l-art. 4 ta' l-istess liġi dwar it-*trademark* reġistrata f'isem l-ewwel soċjetà attriċi bin-numru 29740 fir-Reġistru tal-Markji ta' Malta, u/jew dwar id-drittijiet ta' l-awtur illi l-ewwel soċjetà attriċi għandha fuq ix-xogħol artistiku tagħha *three stripes device*;

3. fl-interess tat-tieni soċjetà attriċi tgħid illi d-dħul ġewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqegħid ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles mis-soċjetà konvenuta ta' din il-konsenja ta' żraben sportivi li bħalissa hija maqbuda mill-Kontrollur tad-Dwana tikser id-dritt ta' proprjetà intellettwali tas-soċjetà attriċi għax iż-żraben ma humiex ġenwini, skond l-art. 2(l)(*a*)(i), (ii), (iii) u (*b*) tal-Kap. 414 u għaldaqstant tikser l-art. 4 ta' l-istess liġi dwar it-*trademarks* reġistrati f'isem it-tieni soċjetà attriċi bin-numri 10994, 30173, 13562 u 29878 fir-Reġistru tal-Markji ta' Malta, u/jew dwar id-drittijiet ta' l-awtur illi t-tieni soċjetà attriċi għandha fuq ix-xogħol artistiku tagħha *three stripes three stripes device on clothing*, *trefoil device*, u *adidas;*

4. għalhekk tordna lill-Kontrullur tad-Dwana u/jew lis-soċjetajiet attriċi sabiex jeqirdu ż-żraben sportivi fuq imsemmija mingħajr ebda kumpens lill-konvenut u minn flusu, skond l-art. 8 tal-Kap. 414;

5. tagħti lis-soċjetajiet attriċi kull rimedju iehor li jista' jingħata taħt il-Kap. 414;

6. tordna lill-konvenut iħallas l-ispejjeż kollha tal-ġarr, tal-ħażna, u tal-qerda taż-żraben sportivi fuq imsemmija, l-

ispejjeż ta' l-uffiċjali tad-dwana u l-ispejjeż tal-garanzija bankarja maħruġa mis-soċjetajiet attriċi favur il-Kontrolur tad-Dwana skond il-Kap. 414, u l-ispejjeż tal-kawża.

Il-kuraturi maħturi biex jidhru għall-konvenut stqarrew illi ma jafux il-fatti tal-każ.

Mix-xhieda mressqa mis-soċjetajiet attriċi jidher illi dawn tassew għandhom id-drittijiet ta' proprjetà industrijali msemmija fiċ-ċitazzjoni.

Ġara illi fit-23 ta' Diċembru 2004 daħlet f'Malta miċ-Ċina fi tliet *containers* fuq il-vapur *MV CMA CGM Bellini* konsenja ta' żraben sportivi li kellhom markji maħsuba biex juru li kienu magħmula mis-soċjetajiet attriċi jew għas-soċjetajiet attriċi. Billi kien hemm suspett illi ż-żraben ma kinux ġenwini, għax ma kinux tassew magħmula mis-soċjetajiet attriċi jew għalihom, il-konsenja nżammet mid-dwana sakemm issir analiżi fuqha. Din l-analiżi saret minn Roline Bergsma u din sabet illi, għalkemm il-markji fuq iż-żraben jixbhu ħafna lil dawk tas-soċjetajiet attriċi, fuq iż-żraben infushom kien hemm differenzi biżżejjed fil-kwalità tax-xogħol u tal-materjal illi juru bi żgur illi ż-żraben ma nħadmux mis-soċjetajiet attriċi jew għalihom.

Fil-fehma tal-qorti għalhekk iż-żraben fil-konsenja fuq imsemmija ma humiex ġenwini u l-markji ta-soċjetajiet attriċi tqiegħdu fuqhom bi ksur tal-liġi; għalhekk it-talbiet tas-soċjetajiet attriċi għandhom jintlaqgħu.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hekk taqta' din il-kawża:

1. tilqa' l-ewwel talba billi tgħid illi ż-żraben sportivi *de quibus* li nqabdu mill-Kontrollur tad-Dwana huma oġġetti falzifikati jew imdaħħla b'piraterija;

2. tilqa' t-tieni talba billi fl-interess ta' l-ewwel soċjetà attriċi tgħid illi d-dħul ġewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqegħid ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles mis-soċjetà konvenuta ta' din il-konsenja ta' żraben sportivi li bħalissa hija maqbuda mill-Kontrollur tad-Dwana tikser id-dritt ta' proprjetà intellettwali ta' l-ewwel soċjetà attriċi għax iż-żraben ma humiex ġenwini, skond l-art. 2(l)(*a*)(i), (ii), (iii) u (*b*) tal-Kap. 414 u għaldaqstant tikser l-art. 4 ta' l-istess liġi dwar it-*trademark* reġistrata f'isem l-ewwel soċjetà attriċi bin-numru 29740 fir-Reġistru tal-Markji ta' Malta, u/jew dwar id-drittijiet ta' l-awtur illi l-ewwel soċjetà attriċi għandha fuq ix-xogħol artistiku tagħha *three stripes device*;

3. tilqa’ t-tielet talba billi fl-interess tat-tieni soċjetà attriċi tgħid illi d-dħul ġewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqegħid ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles mis-soċjetà konvenuta ta’ din il-konsenja ta’ żraben sportivi li bħalissa hija maqbuda mill-Kontrollur tad-Dwana tikser id-dritt ta’ proprjetà intellettwali tas-soċjetà attriċi għax iż-żraben ma humiex ġenwini, skond l-art. 2(l)(*a*)(i), (ii), (iii) u (*b*) tal-Kap. 414 u għaldaqstant tikser l-art. 4 ta’ l-istess liġi dwar it-*trademarks* reġistrati f’isem it-tieni soċjetà attriċi bin-numri 10994, 30137, 13562 u 29878 fir-Reġistru tal-Markji ta’ Malta, u/jew dwar id-drittijiet ta’ l-awtur illi t-tieni soċjetà attriċi għandha fuq ix-xogħol artistiku tagħha *three stripes three stripes device on clothing*, *trefoil device*, u *adidas*;
4. tilqa’ r-raba’ talba billi tordna lill-Kontrullur tad-Dwana u/jew lis-soċjetajiet attriċi sabiex jeqirdu ż-żraben sportivi fuq imsemmija mingħajr ebda kumpens lill-konvenut u minn flusu, skond l-art. 8 tal-Kap. 414;
5. tilqa’ s-sitt talba billi tordna lill-konvenurt iħallas l-ispejjeż kollha tal-ġarr, tal-ħażna, u tal-qerda taż-żraben sportivi fuq imsemmija, l-ispejjeż ta’ l-uffiċjali tad-dwana u l-ispejjeż tal-garanzija bankarja maħruġa mis-soċjetajiet attriċi favur il-Kontrollur tad-Dwana;
6. ma tqisx il-ħames talba billi ma huwiex meħtieġ rimedju ieħor.

Tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------